

Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15535/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0353 (NLE)**

**ESPACE 81
EEE 29
RECH 506
COMPET 1172
IND 510
EU-GNSS 21
TRANS 551
AVIATION 158
MAR 159
TELECOM 403
MI 913
CSC 598
CSCGNSS 11
CSDP/PSDC 706**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 696 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 696 final.

Mehmuż: COM(2025) 696 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2025
COM(2025) 696 final

2025/0353 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSAATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

In-Norveġja hija l-eqreb sieħeb spazjali tal-UE li jipparteċipa fil-biċċa l-kbira tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni¹, b'xi eċċezzjonijiet inkluż il-komponent tal-GOVSATCOM.

Fl-20 ta' April 2023, in-Norveġja talbet li tibda negozjati dwar ftehim bil-ħsieb li tipparteċipa fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ tan-negozjati f'isem l-Unjoni².

Kif definit fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, ir-Regolament (UE) 2023/588³ (ir-“Regolament dwar il-Konnettività Sigura”) u fir-Regolament (UE) 2021/696 dwar il-Programm Spazjali tal-Unjoni⁴ (ir-“Regolament dwar l-Ispazju”), il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Konnettività Sigura u fil-GOVSATCOM rispettivament għandha tiġi organizzata permezz ta' ftehim internazzjonali awtonomu f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE.

Il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-Konnettività Sigura u fil-GOVSATCOM se tiġi konkluża fi ftehim wieħed minħabba li ż-żewġ programmi huma interkonnessi, peress li l-GOVSATCOM hija wkoll iċ-ċentru ta' servizz għall-Konnettività Sigura u minħabba li l-istess kundizzjonijiet japplikaw għall-parteċipazzjoni tan-Norveġja fiż-żewġ programmi.

Minn perspettiva ġeopolitika, il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura hija ta' interess għall-Unjoni peress li se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attur globali billi tkabbar l-użu tal-Konnettività Sigura lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni u se tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni internazzjonali kif definita fl-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa⁵. Ftehim man-Norveġja jsaħħaħ il-pożizzjoni strateġika tal-UE li hija objettiv tal-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża⁶.

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi bħan-Norveġja hija ta' interess għall-Unjoni Ewropea, anke minħabba li billi jtkabbar l-użu tal-Konnettività Sigura, din tiġġenera introjtu għall-Unjoni Ewropea.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, ĠU L 170 tat-12.5.2021, p.79–148.

² Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 16060/24 ADD 1 ESPACE 106 tal-11 ta' Diċembru 2024.

³ Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

⁵ Strateġija Spazjali għall-Ewropa, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2016) 705 final tas-26.10.2016.

⁶ L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża, il-Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, JOIN(2023) 9 final tal-10.3.2023.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Ir-Regolament dwar il-Konnettività Sigura joffri l-possibbiltà li l-Programm għal Konnettività Sigura jinfetħa għal pajjiżi terzi, li l-ewwel kategorija tagħhom huma l-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA.

Ftehim man-Norveġja se jikkomplementa l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. Ftehim se jipprova u jsaħħaħ ukoll il-Konnettività Sigura barra mill-Unjoni, fit-Tramuntana estrema strateġikament importanti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' benefiċċju tan-Norveġja, qrib ir-reġjun tal-Artiku, il-Konnettività Sigura hija importanti biex tappoġġa s-setturi ekonomiċi ewlenin, b'mod partikolari t-telekomunikazzjoni u t-trasport.

Ftehim dwar il-Konnettività Sigura man-Norveġja jikkontribwixxi għal għadd ta' prijoritajiet tal-UE inkluż il-Patt Ekoloġiku, Ewropa Lesta għall-Era Diġitali, Ekonomija għas-servizz tan-nies u Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja.

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' benefiċċju tan-Norveġja, qrib ir-reġjun tal-Artiku, ftehim bħal dan se jikkontribwixxi wkoll għall-paċi u s-sigurtà u għall-iżvilupp sostenibbli tad-Dinja.

Il-Boxxla Strateġika għas-sigurtà u d-difiża adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022 tipprova li s-sistemi spazjali tal-UE joffru konnettività globali lill-atturi tas-sigurtà u tad-difiża. Tappella wkoll lill-Unjoni biex taħdem fuq il-proposta għal sistema ta' komunikazzjoni sigura globali tal-UE bbażata fl-ispazju. Ftehim man-Norveġja se jikkontribwixxi għal dan.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Skont l-Artikolu 189(2) tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika Ewropea dwar l-ispazju. Miżura waħda hija li jiġu konklużi ftehimiet ta' kooperazzjoni spazjali internazzjonali, bħal dak imħejji skont din l-inizjattiva.

L-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Permezz tar-Regolament dwar il-Konnettività Sigura u r-Regolament dwar l-Ispazju, l-Unjoni għandha l-kompitu li tipprova soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bis-satellita reżiljenti, globali, siguri, protetti, mingħajr interruzzjoni, garantiti u flessibbli, mibnija fuq bażi teknoloġika u industrijali tal-Unjoni, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-operazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Since the Union Secure Connectivity Programme and the Union Space Programme are Union programmes, the participation of third countries to both programmes cannot be achieved by the EU Member States themselves.

- **Proporzjonalità u għażla tal-istrument**

Kif definit fir-Regolament dwar il-Konnettività Sigura u fir-Regolament dwar l-Ispazju, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Konnettività Sigura u fil-GOVSAATCOM rispettivament

għandha tiġi organizzata permezz ta' ftehim internazzjonali awtonomu f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE bil-ksieb li jinħolqu drittijiet u obbligi bejn il-partijiet.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni għabret l-informazzjoni u l-għarfien espert meħtieġa, anke fid-diskussjonijiet tagħha mal-Istati Membri tal-UE, inkluż dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' parteċipazzjoni ta' pajjiżi mhux tal-UE kif imsemmi fir-Regolament dwar il-Konnettività Sigura u r-Regolament dwar l-Ispazju.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

In-Norveġja se tikkontribwixxi għall-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura u għas-subkomponent tal-GOVSAATCOM abbażi tal-PDG tagħha inkluż l-aġġustament għall-2023–2025 għall-Konnettività Sigura tal-Unjoni u għall-2021–2025 għall-GOVSAATCOM.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim se tiġi mmonitorjata mill-Unjoni u min-Norveġja permezz ta' Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra tal-20 ta' April 2023, ir-Renju tan-Norveġja esprima l-interess formali tiegħu li jibda negozjati dwar ftehim bil-ħsieb li jipparteċipa fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi governattivi tagħhom. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fil-4 ta' April 2025.
- (3) In-Norveġja għandha kooperazzjoni fit-tul mal-Unjoni fil-qasam tal-ispazju u qed tipparteċipa fil-biċċa l-kbira tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni.
- (4) L-Unjoni u n-Norveġja kkonkludew Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Infommazzjoni⁷.
- (5) Minn perspettiva ġeopolitika, il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attur globali u se tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali kif definit fl-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa⁸. Ftehim man-Norveġja jsaħħaħ il-pożizzjoni strateġika tal-UE li huwa objettiv tal-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiza⁹.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

⁷ Il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' infommazzjoni klassifikata, ĠU L 362, 9.12.2004, p. 29–32.

⁸ Strateġija Spazjali għall-Ewropa, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2016) 705 final tas-26.10.2016.

⁹ L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża, il-Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, JOIN (2023) 9 final tal-10.3.2023.

- (7) F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSAATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tagħhom (il-“Ftehim”), huwa b'dan approvat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI LEĠIŻLATTIVI

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” – GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA:

FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA LI JISTABILIXXI R-REGOLI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-RENJU TAN-NORVEĠJA FIL-PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA U FIL-KOMPONENT TAL-GOVSATCOM TAL-PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI

[IN-NORVEĠJA, GOVSATCOM]

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): 6 6 0 0

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata:

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita): 04 02 03.01.

3. IMPATT FINANZJARJU

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul
- Il-Proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ¹⁰¹¹	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda mill-01/01/2026 <i>(jekk applikabbli)</i>	Sena N
6 6 0 0	1,4		2026
Kapitolu/Artikolu/Partita ...			

¹⁰ L-ammonti għal kull sena jeħtieġu jkunu stima bbażata fuq il-formula jew fuq il-metodu definit skont it-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi *pro rata*.

¹¹ Fil-każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	2027	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
6 6 0 0	1,9				
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa ¹²	2026	2027
04 02 03.01	1,4	1,9
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		

Linja tan-nefqa	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/Partita ...				
Kapitolu/Artikolu/Partita ...				

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

(il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkulat id-dħul)

Għall-2026 u l-2027, il-kontribuzzjoni hija bbażata fuq il-koeffiċjent tal-EFTA għall-parteciċipazzjoni fil-programmi, filwaqt li għall-2021–2025 il-parteciċipazzjoni retroattiva hija kkalkulata abbażi tal-ammonti attwali implimentati fil-perjodu, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru xx/2025 ta' xx 2025.

¹² Tintuża biss jekk meħtieġ.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” – GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA:

FTEHM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA LI JISTABILIXXI R-REGOLI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-RENJU TAN-NORVEĠJA FIL-PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA U FIL-KOMPONENT TAL-GOVSATCOM TAL-PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI

[IN-NORVEĠJA, USC]

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): 6 6 0 0

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata:

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita): 04 01 02, 04 03 01, 13 05 01, 14 08 01.

3. IMPATT FINANZJARJU

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul
- Il-Proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ¹³¹⁴	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda mill-01/01/2026 (jekk applikabbli)	Sena N
6 6 0 0	12,5		2026
Kapitolu/Artikolu/Partita ...			

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	2027	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]

¹³ L-ammonti għal kull sena jeħtieġu jkunu stima bbażata fuq il-formula jew fuq il-metodu definit skont it-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi *pro rata*.

¹⁴ Fil-każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

6 6 0 0	11,6				
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa ¹⁵	2026	2027
04 01 02	0,01	0,01
04 03 01	5,2	7,6
13 05 01	5,7	3,3
14 08 01	1,7	0,8

Linja tan-nefqa	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/Partita ...				
Kapitolu/Artikolu/Partita ...				

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

(il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkulat id-dħul)

Għall-2026 u l-2027, il-kontribuzzjoni hija bbażata fuq il-koeffiċjent tal-EFTA għall-parteciġazzjoni fil-programmi, filwaqt li għall-2023–2025 il-parteciġazzjoni retroattiva hija kkalkulata abbażi tal-ammonti attwali implimentati fil-perjodu, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru xx/2025 ta' xx 2025.

¹⁵ Tintuża biss jekk meħtieġ.